# VIA LUCIS



## *Il-Mixja tad-Dawl*

**biex tiġi mmeditata fi żmien il-Għid**

# VIA LUCIS

*Il-Mixja tad-Dawl*

## INTRODUZZJONI

Wara l-qawmien, Ġesù qiegħed jimxi fit-toroq tagħna. Naħsbu fuq din il-mixja tiegħU f'erbatax-il stazzjon: din hi l-*Via Lucis* mixja li tkompli mal-*Via Crucis*. Nimxuha u niftakru l-istazzjonijiet tagħha biex fuqhom infasslu l-ħajja tagħna, liema ħajja Nisranija hi fil-fatt xhieda ta' Ġesù Rxoxt. Li nkunu xhieda tiegħU jfisser li ma' kull ġurnata li tgħaddi nkunu aktar ferħanin u aktar kuraġġjużi, u nkunu aktar bieżla.

**Nitolbu**

Ixħet fuqna Missier l-Ispirtu tiegħek tad-dawl, biex nifhmu aktar fil-fond il-misteru tal-Għid ta' Ibnek, li hu d-destin veru tal-bniedem. Agħtina l-Ispirtu tal-Irxoxt u għamilna kapaċi li nħobbu. B'hekk nagħtu xhieda tal-Għid tiegħu. Hu li jgħix u jsaltan għal dejjem ta' dejjem.

*Ammen.*

Thenna u ifraħ, Verġni Marija, hallelujah.
*Għax Ġesù qam tassew, hallelujah.*

## L-I Stazzjon: Ġesù jqum mill-imwiet

*Silta - Mt 28,1-7*



---

Nadurawk Ġesù li qomt mill-imwiet, u nberkuk:
*għaliex bl-Għid tiegħek tajt ħajja lid-dinja.*

Spiss f'ħajjitna ngħaddu minn mumenti ta' dlam, mumenti ta' qtigħ ta' qalb. Meta jiġri hekk faċli naqgħu fil-vjolenza, niddispraw jew inweġġgħu lill-oħrajn. Tidwi f'widnejna iżda t-tħabbira tal-Għid: "Tibżgħux! Ġesù qam tassew mill-imwiet!" In-nisrani hu msejjaħ ikun messaġġier li jwassal din it-tħabbira u b'hekk ikun qed jgħin lil kull bniedem biex jagħmel kuraġġ u jittama.

### Talba

Ġesù Rxoxt, qanqal bnedmin li jkunu messaġġiera ħerqana tal-bidu tal-ħajja ġdida: l-Għid tiegħek. Agħmel li aħna naħsbu kif taħseb int, li nħobbu kif tħobb int, li nfittxu dak li tfittex int u li naqdu kif taqdi int. Int li tgħix u ssaltan flimkien mal-Missier u mal-Ispirtu s-Santu għal dejjem ta' dejjem.

*Ammen.*

*Glorja...*

Thenna u ifraħ, Verġni Marija, hallelujah.
*Għax Ġesù qam tassew, hallelujah.*

## It-II Stazzjon: Id-dixxipli jsibu l-Qabar vojt

*Silta - Ġw 20,1-9*



---

Nadurawk Ġesù li qomt mill-imwiet, u nberkuk:
*għaliex bl-Għid tiegħek tajt ħajja lid-dinja.*

Tista' taħseb li mal-mewt jintemm kollox. Marija ta' Magdala, Pietru u Ġwanni jixhdulna li mhux hekk - huma jħabbrulna li Ġesù rebaħ il-mewt. Għandna nifirħu flimkien ma' dawn in-nies għax Ġesù qam; għax Ġesù kisser l-istess siġilli tal-qabar permezz tal-Imħabba. Jekk temmen li Ġesù rebaħ il-mewt aħħarija, temmen ukoll li Ġesù jirbaħ kull xorta ta' mewt fil-ħajja tiegħek - hekk tagħmel kuraġġ u tibqa' wieqaf.

**Talba**

Ġesù Rxoxt, ġagħalna nifhmu li mingħajrek aħna dgħajfin quddiem il-mewt. Agħmel li nafdaw għal kollox fil-qawwa tal-Imħabba, li tirbaħ il-mewt. Int li tgħix u ssaltan flimkien mal-Missier u mal-Ispirtu s-Santu għal dejjem ta' dejjem.

*Ammen.*

*Glorja...*

Thenna u ifraħ, Verġni Marija, hallelujah.
*Għax Ġesù qam tassew, hallelujah.*

## It-III Stazzjon: Ġesù Rxoxt juri lilu nnifsu lil Marija ta' Magdala

*Silta - Ġw 20,11-18*



---

Nadurawk Ġesù li qomt mill-imwiet, u nberkuk:
*għaliex bl-Għid tiegħek tajt ħajja lid-dinja.*

Bħall-Madalena ma naqtgħux qalbna nfittxu 'l Alla, anke meta nkunu magħfusin bl-esperjenzi tat-tbatija u tal-mewt fil-ħajja tagħna. Fit-tfittxija tagħna aħna nisimgħu lil Ġesù jsejħilna b'isimna, bħal Marija. Hekk qalbna tfur bil-ferħ għax Ġesù Rxoxt ikun ħdejna. Meta nintebħu bih hu jafdalna missjoni: "Mur, ħabbar li Kristu hu ħaj!"

**Talba**

Ġesù Rxoxt, int issejjaħli għax tħobbni. Għinni biex immur naqdi dmiri u nħabbar il-ħajja f'kull post fejn inkun: fil-familja, fl-iskola, fuq ix-xogħol u fil-post tad-divertiment. Int li tgħix u ssaltan flimkien mal-Missier u mal-Ispirtu s-Santu għal dejjem ta' dejjem.

*Ammen.*

*Glorja...*

Thenna u ifraħ, Verġni Marija, hallelujah.
*Għax Ġesù qam tassew, hallelujah.*

## Ir-IV Stazzjon: Ġesù Rxoxt fit-triq lejn Għemmaws

*Silta - Lq 24,13-19.25-27*



Nadurawk Ġesù li qomt mill-imwiet, u nberkuk:
*għaliex bl-Għid tiegħek tajt ħajja lid-dinja.*

Il-mixja minn Ġerusalemm għall-Għemmaws hi l-mixja ta' dawk li aċċettaw it-telfa - "konna ttamajna". Iżda issa jidħol Hu; id-dawl fid-dlam. Id-dinja għandha bżonn l-entużjażmu tagħna l-Insara li f'qalbhom għandhom lil Kristu Rxoxt lest biex jurina li l-ħajja għandha skop, li t-tbatija ma twassalniex għall-mewt iżda hi l-għatba ta' twelid mimli mħabba.

**Talba**

Ibqa' magħna, Ġesù Rxoxt, għax il-lejl tad-dubju u tan-niket qed jagħfas fi qlubna lkoll. Għalina biżżejjed li nkunu ħdejk. Ibqa' magħna Mulej u agħmilna xhieda tal-qawmien tiegħek. Int li tgħix u ssaltan flimkien mal-Missier u mal-Ispirtu s-Santu għal dejjem ta' dejjem.

*Ammen.*

*Glorja...*

Thenna u ifraħ, Verġni Marija, hallelujah.
*Għax Ġesù qam tassew, hallelujah.*

## Il-V Stazzjon: Ġesù Rxoxt juri lilu nnifsu fi Qsim il-Ħobż

*Silta - Lq 24,28-35*



Nadurawk Ġesù li qomt mill-imwiet, u nberkuk:
*għaliex bl-Għid tiegħek tajt ħajja lid-dinja.*

Ta' qalb tajba li kienu, f'salib it-toroq f'Għemmaws, id-dixxipli qalulU: "Ibqa' magħna!", u stednuh jibqa' magħhom għall-ikel. B'dan il-ġest huma raw il-mejda fqajra tagħhom tinbidel fil-mejda l-kbira tal-Aħħar Ikla. B'hekk "infetħulhom għajnejhom" u sabu s-saħħa biex jerġgħu lura lejn Ġerusalemm. Aktar ma nilqgħu lil min hu bil-ġuħ u bagħtut, aktar nersqu lejn Ġesù u hekk inkunu nistgħu nxandru l-aħbar sabiħa li Dak li sallbu hu ħaj.

**Talba**

Ġesù Rxoxt, fl-Aħħar Ikla ħsilt riġlejn l-Appostli u tajtna t-tifsira vera tal-Ewkaristija. F'Għemmaws urejtna li meta nilqgħu lill-proxxmu ningħaqdu miegħek. Għenna biex ngħaddu ħajjitna naħslu saqajn l-imwarrba u nilqgħu f'darna lill-foqra ta' żminijietna. Int li tgħix u ssaltan flimkien mal-Missier u mal-Ispirtu s-Santu għal dejjem ta' dejjem.

*Ammen.*

*Glorja...*

Thenna u ifraħ, Verġni Marija, hallelujah.
*Għax Ġesù qam tassew, hallelujah.*

## Is-VI Stazzjon: Ġesù Rxoxt juri lilu nnifsu ħaj lid-Dixxipli

*Silta - Lq 24,36-43*



Nadurawk Ġesù li qomt mill-imwiet, u nberkuk:
*għaliex bl-Għid tiegħek tajt ħajja lid-dinja.*

Minħabba l-biża' u l-preġudizzji d-dixxipli ma jemmnux li Ġesù Ħaj, għalhekk hu jgħidilhom: "Missuni!" Xorta waħda ma jikkonvinċux ruħhom sakemm jaraw lil Ġesù jiekol magħhom. Dak li kien jidher impossibli seħħ - Ġesù qam! Kristu hu ħaj! Inqawwu qalbna għax l-Imħabba tirbaħ fuq il-mibegħda u l-biża'. Bħall-Appostli fiċ-Ċenaklu rridu nsaffu l-Imħabba tagħna minn waħda beżgħana għal waħda kuraġġjuża u hekk inġeddu l-fidi tagħna.

**Talba**

Ġesù Rxoxt, ġeddilna l-fidi tagħna fik bħala l-Ħaj, dak li rbaħt il-mewt, biex bħall-Appostli aħna nħobbuk b'imħabba kuraġġjuża. Int li tgħix u ssaltan flimkien mal-Missier u mal-Ispirtu s-Santu għal dejjem ta' dejjem.

*Ammen.*

*Glorja...*

Thenna u ifraħ, Verġni Marija, hallelujah.
*Għax Ġesù qam tassew, hallelujah.*

## Is-VII Stazzjon: Ġesù Rxoxt jagħti s-setgħa li jinħafru d-dnubiet

*Silta - Ġw 20,19-23*



---

Nadurawk Ġesù li qomt mill-imwiet, u nberkuk:
*għaliex bl-Għid tiegħek tajt ħajja lid-dinja.*

L-imħabba tiftaħ dak li l-biża' tagħlaq. L-imħabba ta' Kristu Rxoxt tinżel f'forma ta' nifs li jagħti l-ħajja, l-Ispirtu s-Santu. Nifs li jkisser saħansitra l-ebusija tad-dnub. Illum din iż-żiffa għadha taslilna permezz tas-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni, li jerġa' jġibna żgħażagħ u jibgħatna nwasslu dan in-Nifs kullimkien: "Inti ħolqien ġdid, mur u itfa' din iż-żiffa ġdida kullimkien."

**Talba**

Ejja Spirtu s-Santu, kun il-ħeġġa u l-imħabba tal-Missier u tal-Iben ġewwa fina. Imbuttana lejn il-paċi u neħħi minna n-niket tal-mibegħda u tad-dnub. Int li tgħix u ssaltan flimkien mal-Missier u mal-Iben għal dejjem ta' dejjem.

*Ammen.*

*Glorja...*

Thenna u ifraħ, Verġni Marija, hallelujah.
*Għax Ġesù qam tassew, hallelujah.*

## It-VIII Stazzjon: Ġesù Rxoxt jikkonferma l-fidi ta' Tumas

*Silta - Ġw 20,24-29*



---

Nadurawk Ġesù li qomt mill-imwiet, u nberkuk:
*għaliex bl-Għid tiegħek tajt ħajja lid-dinja.*

Tumas żamm id-dubju - kif qatt jista' jkun veru? Iżda dan id-dubju li aħna wkoll ngħaddu minnu jista' jkun providenzjali għax iqarribna lejn Kristu li jfejqilna dawn id-dubji u l-biża' kollha tagħna. Bħal Tumas imbagħad naslu li nistqarru: "Mulej tiegħi u Alla tiegħi!" u hekk nilqgħu l-misteru u mmorru 'l hemm mir-raġuni. Il-fidi hi li temmen fid-dawl meta qiegħed fid-dlam. Din il-fidi hi iebsa tabilħaq imma "għal Alla m'hemm xejn li ma jistax isir!"

### Talba

Ġesù Rxoxt, li temmen mhux dejjem faċli iżda dejjem iwassal għall-ferħ. Mulej li tagħti l-ħajja kattar fina l-fidi. Fidi li għandha għeruqha fl-Għid u għalhekk mimlija tama u fedeltà. Int li tgħix u ssaltan flimkien mal-Missier u mal-Ispirtu s-Santu għal dejjem ta' dejjem.

*Ammen.*

*Glorja...*

Thenna u ifraħ, Verġni Marija, hallelujah.
*Għax Ġesù qam tassew, hallelujah.*

## Id-IX Stazzjon: Ġesù Rxoxt jiltaqa' mad-Dixxipli ħdejn il-Baħar ta' Tiberija

*Silta - Ġw 21,1-9.13*



Nadurawk Ġesù li qomt mill-imwiet, u nberkuk:
*għaliex bl-Għid tiegħek tajt ħajja lid-dinja.*

Ħdejn il-Baħar ta' Tiberija għandna l-ħut preparat għall-ikla. Din ix-xena tfakkarna fil-liġi l-ġdida tal-ħajja: li meta naqsmu bejnietna l-ġid joktor. Biex insaħħu tassew il-ġid jeħtieġ nuru solidarjetà sħiħa għax meta jien inkun bil-ġuħ din tkun problema tiegħi personali, imma meta naf li hemm ħaddieħor bil-ġuħ ma nistax nibqa' biered. Ġesù qed ibati l-ġuħ f'aktar minn nofs l-umanità li m'għandiex x'tiekol!

### Talba

Ġesù Rxoxt, id-dehriet tiegħek wara l-Għid kienu dehriet fis-sempliċità tal-ħajja ta' kuljum. Oqgħod fuq l-imwejjed tagħna, bnedmin xebgħana imma vojta filwaqt li toqgħod ukoll fuq l-imwejjed tal-foqra imma bnedmin mimlija tama. Int li tgħix u ssaltan flimkien mal-Missier u mal-Ispirtu s-Santu għal dejjem ta' dejjem.

*Ammen.*

*Glorja...*

Thenna u ifraħ, Verġni Marija, hallelujah.
*Għax Ġesù qam tassew, hallelujah.*

## L-X Stazzjon: Ġesù Rxoxt jagħti l-Primat lil Pietru

*Silta - Ġw 21,15-17*



---

Nadurawk Ġesù li qomt mill-imwiet, u nberkuk:
*għaliex bl-Għid tiegħek tajt ħajja lid-dinja.*

"Xmun bin Ġwanni tħobbni int?" Għal tliet darbiet isaqsi dan lil Pietru u għal tliet darbiet Pietru jwieġbu li jħobbu. Aħna ma' Pietru aħna wkoll imsejħa li nħobbu lil Ġesù, l-għarus tal-umanità, anke jekk bħal Pietru niċħduh. Bil-kuraġġ li jiġi mill-Ispirtu naslu li nistqarru: "Mulej Int taf kollox, Int taf li nħobbok." Li tħobb ifisser li tara l-proxxmu kif ħalqu Alla, u tagħti lilek innifsek għalih, dejjem.

### Talba

Nirringrazzjawk Ġesù Rxoxt, tar-rigal tal-Knisja, imwaqqfa fuq l-imħabba ta' Pietru. Inkonvinċina Mulej li tagħti l-ħajja, li biss jekk inħobbu nkunu ġebel ħaj fil-bini tal-Knisja. Int li tgħix u ssaltan flimkien mal-Missier u mal-Ispirtu s-Santu għal dejjem ta' dejjem.

*Ammen.*

*Glorja...*

Thenna u ifraħ, Verġni Marija, hallelujah.
*Għax Ġesù qam tassew, hallelujah.*

## Il-XI-il Stazzjon: **Ġesù Rxoxt jagħti lid-Dixxipli l-missjoni li jmorru fid-dinja kollha**

*Silta - Ġw 28,16-20*



Nadurawk Ġesù li qomt mill-imwiet, u nberkuk:
*għaliex bl-Għid tiegħek tajt ħajja lid-dinja.*

Għal kull sejħa hemm marbuta missjoni. Fil-missjoni li qed isejħilna għaliha Ġesù mhux se nkunu weħidna għax hu qalilna: "Jien inkun dejjem magħkom, u intom taħdmu f'ismi." Il-missjoni tkun iebsa jekk dak li jkun iserraħ biss fuq il-qawwa tiegħu imma f'din il-missjoni d-divin jingħaqad mal-uman għax aħna għandna l-istess missjoni li kellu Ġesù: li mmorru kullimkien inxandru l-aħbar it-tajba li l-bnedmin qed jistennew.

**Talba**

Ġesù Rxoxt agħmel li nitfarrġu bil-wegħda tiegħek: "Jien magħkom dejjem". Weħidna m'aħna xejn għax Inti l-kollox u aħna x-xejn. Għalhekk kun magħna Mulej, Int li tgħix u ssaltan flimkien mal-Missier u mal-Ispirtu s-Santu għal dejjem ta' dejjem.

*Ammen.*

*Glorja...*

Thenna u ifraħ, Verġni Marija, hallelujah.
*Għax Ġesù qam tassew, hallelujah.*

## It-XII-il Stazzjon: Ġesù Rxoxt jilta' s-Sema

*Silta - Atti 1,6-11*



Nadurawk Ġesù li qomt mill-imwiet, u nberkuk:
*għaliex bl-Għid tiegħek tajt ħajja lid-dinja.*

Hemm għaqda sħiħa bejn l-art u s-Sema: fl-Inkarnazzjoni s-Sema niżel fl-art mentri fit-Tlugħ is-Sema l-art telgħet is-Sema. Meta naħsbu biss fil-ħwejjeġ tal-art inkunu vojta iżda meta naħsbu li pajjiżna hu s-Sema nsibu l-hena veru. Niftakru fis-Sema meta ngħollu lil min hu umiljat u mwarrab.

### Talba

Ġesù Rxoxt, agħmel li għajnejna jiċċassaw lejn fejn hemm il-ferħ etern, aħna u nħarsu lejn l-Għid fil-milja tiegħu, aħna u nintrabtu biex inwasslu l-Għid lil kull bniedem. Int li tgħix u ssaltan flimkien mal-Missier u mal-Ispirtu s-Santu għal dejjem ta' dejjem.

*Ammen.*

*Glorja...*

Thenna u ifraħ, Verġni Marija, hallelujah.
*Għax Ġesù qam tassew, hallelujah.*

## It-XIII-il Stazzjon: Ma' Marija nistennew il-miġja tal-Ispirtu s-Santu

*Silta - Atti 1,12-14*



---

Nadurawk Ġesù li qomt mill-imwiet, u nberkuk:
*għaliex bl-Għid tiegħek tajt ħajja lid-dinja.*

L-Omm ta' Ġesù li kienet dejjem qribU ma jistax jonqos li tkun issa wkoll flimkien mal-Appostli tistennih jibgħat l-Ispirtu tiegħU. Marija tgħallimna norbtu jdejna u nistennew biex imbagħad inkunu nafu niftħuhom, noffruhom, inżommuhom safja, mimlijin bl-imħabba, bħall-idejn l-Irxoxt.

**Talba**

Ġesù, li rxuxtajt mill-mewt, dejjem preżenti fil-komunità tiegħek tal-Għid, nissel fina, bl-interċessjoni ta' Marija, l-Ispirtu tiegħek u ta' Missierek il-maħbub: l-Ispirtu tal-ħajja, tal-ferħ, tal-paċi, tal-qawwa, tal-imħabba – l-Ispirtu tal-Għid. Int li tgħix u ssaltan flimkien mal-Missier u mal-Ispirtu s-Santu għal dejjem ta' dejjem.

*Ammen.*

*Glorja...*

Thenna u ifraħ, Verġni Marija, hallelujah.
*Għax Ġesù qam tassew, hallelujah.*

**L-XIV-il Stazzjon: Ġesù Rxoxt jibgħat l-Ispirtu fuq l-Appostli skont il-wegħdiet tiegħU**

*Silta - Atti 2,1-6*



Nadurawk Ġesù li qomt mill-imwiet, u nberkuk:
*għaliex bl-Għid tiegħek tajt ħajja lid-dinja.*

L-Ispirtu mwiegħed jiġi u jbiddel dak kollu li jmiss: imiss ġuf ta' Verġni; u ssir Omm, imiss Ġisem mejjet; u Hu jqum mill-imwiet, imiss folla ta' nies; u huma jsiru jemmnu u lesti saħansitra għall-martirju. Il-Pentekostè hu r-riħ, hu entużjażmu li jqajjem dinja sħiħa u jagħti l-ħajja lil kulħadd. Alla ma jħollilniex hu l-problemi tagħna imma jagħtina kull għajnuna biex inħolluhom aħna.

**Talba**

Spirtu s-Santu, li ġej mill-Imħabba tal-Missier u tal-Iben. Hu int li tgħaqqadna mal-Missier, mal-Iben u mal-Knisja. Ejja fina u agħtina l-qawwa li neħtieġu biex nimxu l-mixja ta' ħajjitna. Int li tgħix u ssaltan flimkien mal-Missier u mal-Iben għal dejjem ta' dejjem.

*Ammen.*

*Glorja...*

Thenna u ifraħ, Verġni Marija, hallelujah.
*Għax Ġesù qam tassew, hallelujah.*

## KONKLUŻJONI

Intemmu din il-mixja tal-*Via Lucis*, it-Triq tad-Dawl, billi fl-istennija ta' Għid il-Ħamsin, flimkien ma' Santu Wistin nitolbu: "Agħtini n-nifs, Spirtu s-Santu, biex jiena naħseb f'dak li hu qaddis. Imbuttani Int, Spirtu s-Santu, biex jien inwettaq dak li hu qaddis. Iġbidni Int, Spirtu s-Santu, biex jiena nħobb dak li hu qaddis. Saħħaħni Int, Spirtu s-Santu, biex jien ma nitlef qatt dak li hu qaddis." Int li tgħix u ssaltan flimkien mal-Missier u mal-Iben għal dejjem ta' dejjem. *Ammen.*

Skont il-fehma tal-Papa:
*Missierna... Sliema... Glorja...*

Insellmu lil Marija Omm il-Knisja:
*Sliem għalik Sultana...*

Il-Mulej magħkom. *U miegħek ukoll.*

Alla. Missier id-dawl, li llum għoġbu jdawwal id-dixxipli bl-Ispirtu s-Santu li sawwab fuqhom, jagħtikom il-hena tal-barka tiegħU u jkattrilkom dejjem id-doni tal-Ispirtu s-Santu. *Ammen.*

In-nar tal-għaġeb li deher fuq id-dixxipli bil-qawwa tiegħu jnaddafkom minn kull ħażen u jimliekom bid-dija tad-dawl tiegħu. *Ammen.*

Dak li ġabar flimkien il-ħafna ilsna fl-istqarrija ta' fidi waħda, iwettaqkom sal-aħħar fl-istess fidi biex biha tiksbu kull ma qegħdin tittamaw. *Ammen.*

Iberikkom Alla li jista' kollox,
il-Missier, u l-Iben, u l-Ispirtu s-Santu.
*Ammen.*

Morru fil-Paċi ta' Kristu.
*Inroddu ħajr 'l Alla.*